

# Monsinjur Charles J. Scicluna inħatar Isqof Awżiljarju ta' Malta mill-qdusija tiegħu l-Papa Benedittu XVI

Monsinjur Charles J. Scicluna, iben Emanuel u Maria Carmela née Falzon, twieled fil-15 ta' Mejju, 1959, fil-Canada, sewwasew f'Toronto. Wara ftit il-familja kollha ġew Malta u għall-ewwel kienu joqogħdu f'Ħal Qormi. Wara s-snin tal-iskola primarja daħal fl-iskola Teknika San Ġużepp ta' Raħal Ġdid u fil-Kulleġġ St. Edward's fil-Kottonera.

Fl-1976 marru joqogħdu Ħal Lija. F'dan iż-żmien daħal l-Università u ggradwa bħala Avukat fl-1984. Meta spicca l-kors, kompla jistudja fis-Seminarju Maġġuri u l-Liċenzjat fit-Teologija Pastorali f'Tal-Virtu', ir-Rabat. Ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof Monsinjur Joseph Mercieca, fil-11 ta' Lulju, 1986. F'dik is-sena, Mons. Charles ġie mibgħut jistudja d-Dritt Kanoniku f'Ruma, u kiseb id-Dottorat fid-Dritt Kanoniku bi speċjalizzazzjoni fil-Ġurisprudenza fl-1991.Wara l-istudji f'Ruma, ħadem fuq it-Tribunal Metropolitan ta' Malta bħala Difensur taż-Żwieġ, u ħadem ukoll bħala Lecturer fit-Teoloġija Pastorali u fid-Dritt Kanoniku fl-Università ta' Malta.

Bħala Isqof Awżiljari, hu ġie msejjaħ biex ikun kollaboratur u l-konsulent l-iżjed qrib tal-Arċisqof ta' Malta, Monsinjur Pawlu Cremona, u biex ikollu responsabilitajiet ta' tmexxija fil-Kurja kif ukoll fil-ministeru pastorali tal-Arċidjoċesi ta' Malta. Sar ukoll membru tal-Konferenza Episkopali Maltija.

Fl-2002, ġie nominat Promutur tal-Ġustizzja fit-Tribunal il-ġdid tal-Vatikan. Hawnhekk huwa ħadem mal-Kardinal Ratzinger, li aktar tard laħaq Papa, fuq il-każi ta' abbużi sesswali mwettqa minn membri tal-Knisja fuq minorenni.

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa issa sejjaħ lill-Monsinjur Scicluna biex ikun membru tal-Kulleġġ tal-Isqfijiet u afdah bil-missjoni li jaħdem fil-Knisja ta' Malta taħt it-tmexxija tal-Arcisqof Monsinjur Pawlu Cremona.

L-Arċisqof Pawlu Cremona ħatar lil Monsinjur Scicluna bħala Isqof f'quddiesa solenni li ġiet ċelebrata fil-Katidral ta' San Ġwann nhar l-24 ta' Novembru, 2012.